TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 156/13/GB

**Michelle Degiorgio**

**vs**

**Apex Interiors Ltd – Daniel Vella**

Illum 2 ta' Ottubru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2500.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal zewg 'skylights', liema 'skylights' ma kienux tal-qisien korretti.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-24 ta' Mejju 2013, hija rceviet zewg 'skylights' minghand is-socjeta' ntimata, li ghalihom hija kienet hallset l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2500.00). L-installazzjoni ma kenitx inkluza fil-prezz, u ghalhekk l-intimat kien issuggerixxa persuna li seta' jaghmel l-installazzjoni. Ir-rikorrenti kienet cemplet tali persuna, li mar gimgha wara fil-31 ta' Mejju 2013. Kien hawn li r-rikorrenti irrealizzat flimkien ma' l-installer illi dawn iz-zewg 'skylights' kienu zghar wisq.

Illi għalhekk, ir-rikorrenti kienet ikkuntattjat lill-intimat fejn talbitu jbiddilhom għal tnejn ikbar, fejn anke kienet lesta tħallas id-differenza, pero' l-intimat qal illi ma jaċċettax 'returns' u li l-unika soluzzjoni kienet li tagħmel xogħol strutturali biex joqgħodu dawn l-'iskylights'.

Kienet ir-rikorrenti stess illi kienet ipprovdiet il-qisien, li kienu tajbin, u afdat fl-'expertise' ta' l-intimat sabiex jagħtiha l-aħjar daqs. Dawn l-'iskylights' huma 'standard sizes'. Kien l-intimat li ma riedx imur jieħu l-qisien u lanqas mar jarahom wara li waslu.

Ir-rikorrenti qiegħda titlob jew li jinbiddlu l-'iskylights' jew li l-intimat joħodhom lura għaliex huwa m'huwiex qed joffri soluzzjoni.

Ir-rikorrenti eżebiet ir-riċevuti għall-ammont ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2500.00).

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa, f'isem Apex Interiors Ltd, qed jikkontesta t-talba tar-rikorrenti għaliex kienet informata bl-eżatt bil-qisien li kienet qed tordna, hekk skond quotation 3609 a bażi ta' liema hija għamlet l-ordni. Hemm miktub ċar "roof aperture 100×200cm u 70×90cm".

Ir-rikorrenti taf u ma tiċħadx li s-soċjeta' ntimata gabet eżatt dak li hija ordnat. Kienet traskuragni minn naħa tar-rikorrenti jekk dawn il-qisien ma għoġbuhiex fuq il-post. Ir-rikorrenti kellha biżżejjed ħin u nformazzjoni biex tivverifika x'kienet qed tordna.

Is-soċjeta' ntimata qatt ma kellha problemi bħal dawn ma' klijenti, minkejja illi dejjem provdew huma l-qisien. Hija prattika komuni li ma tmurx fuq il-post.

L-intimat eżebixxa quotation bin-numru 3609 u datata 18 ta' Frar 2013.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti, hija reggħat ikkonfermat il-verżjoni tagħha bil-miktub.

Ir-rikorrenti eżebiet il-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet, li ġiet immarkata bħala Dok.MD1; flimkien ma' sett ta' tliet ritratti, li ġiet immarkata bħala Dok.MD2.

Xehed Robert Cilia, prodott mir-rikorrenti, fejn bil-ġurament huwa stqarr illi kien preżenti meta waslu l-'iskylights' u meta ġew biex iwaħħluhom. Xehed ukoll illi huwa mill-ewwel kien innota li l-qies kien ħażin, u kkonferma illi kienet ir-rikorrenti illi kienet ħaditħom il-qisien.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata ta' l-intimat, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa sett ta' dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.DV1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u b'referenza specifika ghad-dokument li ezebixxa l-intimat flimkien mar-risposta tieghu, u cioe' 'Quotation' bin-numru 3609 datata 18 ta' Frar 2013, a bazi ta' liema, ir-rikorrenti kienet ghamlet l-ordni finali taghha, josserva illi l-qisien ta' "100×200" u ta' "70×90" kienu gew stipulati b'mod car hafna. Illi, ir-rikorrenti kienet ghalhekk accettat u qablet ma' tali qisien stante illi kienet ghamlet l-ordni finali fuq il-quotation hawn fuq imsemmi. Ir-rikorrenti kienet giet avzata bil-fatt illi ma kenitx il-prassi tas-socjeta' ntimata illi teccedi ghal fuq il-post u tiehu il-qisien hija stess, liema fatt hija kienet accetatt u ghalhekk ghazlet li terfa' r-responsabbilita' fuqha nnifisha rigwardanti l-qisien *de quo*. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, flimkien mal-fatt illi r-rikorrenti ma ezebiet l-ebda prova rigwardanti l-qisien li kienet hadet hi stess u sussegwentement ghaddiet lill-intimat, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**